**Kunsill Lokali Kalkara**
**Kalkara Local Council**

**AĠENDA Nru. – 5 / 2016**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

***Data:*** 26 ta' Mejju 2016

***Hin:*** 4:00 ta' filgħaxija

**Post:** Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

---

**IFFIRMATA**

***Elaine Caruana***

***Seg.Eżekuttiv***

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali *Kalkara*

**Laqgħa Nru. 5/2016**

Data: 20 ta' April 2016

Ħin: 5:00 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Speranza Chircop*** – *Sindku*
***Christopher Bruno*** – *Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** – *Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** – *Kunsillier*
***Elaine Caruana***– *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: *Vincent Bongailas - Kunsillier*

Assenti: *Michaela Noelene Zammit – Ambaxxatrici*

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Minuti - 5/2016**

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Marzu 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas.

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mis-Seduta preċedenti Nru. 4.16 ( Marzu 2016 )

## 3 Korrispondenza

3.1 is-Seg. Eżek. ippreżentat il-'Financial Statements' 2015 irranġati u iffinalizzati mill-'Accountant' tal-Kunsill fuq gwida tal-Awdituri li seħħew l-Awditjar tal-Kunsill għas-sena 2015 aktar kmieni fix-Xahar ta' Marzu 2016.

Il-Kunsill approva dawn il-'Financial Statements' qabel ma jiġu mibgħuta lill-Awdituri skond il- proċeduri ta' kull sena.

3.2 Is-Seg. Eżek. innutat formalment illi l-evalwazzjoni tat-'Tenders' kienet iffinalizzatta u kif diġa kien ġie deċiż u maqbul f'laqgħa informali qabel din is-Seduta mill-Kunsilliera stess ( Speranza Chircop, Pawlu Bongailas, Maria Sultana ) il-kuntratturi l-ġodda huma dawn li ġejjin:

'GMM Accounting Services'
Chris Pullicino Tender Support
Saviour Mifsud – 'Street Sweeping'
'Koptasin'- 'Signage'
'Heritage Enterprise' – 'Eu consultancey'

Ser ikunu qed jintbgħatu l-ittri meħtieġa aktar tard dan ix-Xahar bin notifiki kif suppost il- kuntratturi kollha li urew interess għal offerti imsemmija hawn fuq.

3.3 Is-Seg. Eżek. ippreżentat il-programm tal-festa mibgħut minn Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja. Dan ser ikun qed jintbgħat lill-Kunsilliera kollha għal -informazzjoni tagħhom kif ukoll ġie approvat mill-Kunsill kollu bħal kull sena.

3.4 Is-Seg. Eżek. flimkien mas-Sur Pawlu Bongailas spjegaw illi ser ikun qed isir kors organizzat minn kumpanijja privata f'isem il-Kunsill bl-isem 'IKIDS' bħas-sena l-oħra bid-differenza li ser ikun miftuħ ghal aktar etajiet tat-tfal biex b'hekk jibbenefikaw aktar studenti din is-sena.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.5 Is-Seg.Eżek. preżentat talba mingħand persuna li għandha stand tal-ġelat / granita li tixtieq tibda tarma fil-lokal tal-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l- permessi għandhom jinħarġu fl-inħawi tax-Xatt.

Tajjeb ukoll illi peress li fir ritratti ipprezentati ma din listess rikjesta jidher li l-istand hija waħda żgħira tista toqgħod fuq il-bankina max-Xatt fejn il-passaġġ ma jiġix mgħaluq u ma jintilifx il-parkeġġ kif kien isir fl-imgħoddi meta kien jarma van bil-ġelat.

3.6 Ser tkun qed tintbgħat email lill-Kunsilliera kollha biex minn għandu xi informazzjoni rigward nies b'karaterisi1i fil-lokal jgħadduwa lis-Seg.Eżek. minħabba illi persuna talbet l-għajnuna tal-Kunsill fuq proġett li qed jaħdem fuqu kif ukoll aktar il-quddiem ser ikollu programm fuq radju, fejn dan ser ikun qed jinvolvi lill-Kalkariżi.

Il-Kunsill talbu illi tajjeb li nżommu l-informazzjoni li tinġabar għalina kif ukoll jekk hu possibli ikollna kopja tal-programm.

3.7 Is-Seg.Eżek. ippreżentat pjanta taż 'Zebra Crossing' fi Triq il-Luqqata approvata minn Transport Malta wara li l-istess Kunsill talab biex din iż-'Zebra Crossing' tersaq mil-post tagħha oriġinali minħabba illi kienet qegħda f'post perikoluż għal minn ikun qed jaqsam minn fuqa.

Mhux il-Kunsill kollu qabel dwar iċ-ċaqliq ta' din iż-'Zebra Crossing' minħabba li kif qed jissuġerixxu TM ser tkun qed tiġi quddiem garaxx, minn banda l-oħra dik it-Triq hija kollha garaxxijiet.

Il-Kunsill iddeċieda li ż-'Zebra Crossing' ta' din it-Triq tibqa fil-post oriġinali tagħha u jiżdiedu it-Tabelli u l-marki ma l-art biex is-sewwieqa jkunu aktar prudenti.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħargiet li ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill Lokali aktar tard fix-xhur ta' Mejju 2016 u Ġunju 2016:

- Ħarġa għal Jum l-Omm / Jum il-Missier ( Mejju / Ġunju 2016 )
- Ħarġa għal Anzjani u Familji ġewwa Għawdex (Ġunju 2016 )
- Ħarġa Kulturali għal-irġiel ( Ġunju 2016 )

4.2 Is-Sindku infurmat lill-kunsill rigward il-punt li diġa gie diskuss fis-seduti ta' qabel, il-miżata li jħallas il-Kunsill għall-ħabta ta' Diċembru għall-Kor tal-Parroċċa, fejn kien ġie miftiehem bejn il-Kunsill kollu illi il-miżata hija waħda għolja u li minflok tajjeb li l-Kunsill flok flus jagħti lill-Knisja xi bżonnijiet li jaf ikollhom bżonn.

Is-Sur Pawlu Bongailas reġa nnota illi hu kien issuġerixxa illi għas-sena 2016 il-miżata u l-proċedura tibqa l-istess għal fatt illi din is-sena jagħlqu 40 sena pero mis-sena d-dieħla tinbeda l-proċedura msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment ta' Pawlu Bongailas imsemmi hawn fuq kif ukoll ġie deċiż illi mis-sena d-dieħla l-ammont ser jitnaqqas għal bejn €350 / €400 fis-sena.

4.3 Is-Sinjura Sindku staqsiet lis-Sur Viċi Sindku Chris Bruno jekk għandux xi informazzjoni fuq il- proġett pilota li kien inbegħda il-Kunsill Lokali Kalkara aktar kmieni fis-sena 2015 bl-isem ta' 'Operational Excellence '

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi dawn is-sessjonijiet ġew imwaqqfa wara li dan l-istess proġett ġie ippreżentat lill-Kumitat Reġjonali fuq gwida ta' l-Onorevoli Stefan Buontempo. Sal-lum għad ma hemm l-ebda risposta minn għand il-kumitat reġjonali jew kif dan il-proġett pilota ser jitkompla.

4.4 Is–Sinjura Sindku saħqet illi bħas snin preċedenti tajjeb illi F'Jum Il-Kottonera 2016, il–Kalkara għandha tkun parti miċ-ċelebrazzjonijiet li ser ikunu qegħdin jiġu organizzati kif diġa kien sar 3 snin ilu.

Is-Sindku ikkonfermat illi din il-ġurnata ġiet ukoll diskussa mill-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera

Il-Kunsilll qabel unanimamnet illi l-Kalkara għandha tkun parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet

4.5 Is-Sinjura Sindku għarrfet il-Kunsill dwar ilment minn għand resident li joqgħod fil parti il-privata li jagħmel parti minn Triq il-Missjoni Taljana.

Hija spjegat illi hemm talba ta' tabella jew xi tip ta' sinjal minħabba illi ftit taż-żmien ilu kien ser ikun hemm inċident.

Il-Kunsill kollu qabel illi minħabba li fejn qed jiġi referut huwa privat tajjeb illi ir-rikjesta ta' din il persuna trid tkun unanima ma nies li joqgħodu fl-istess Triq biex bħala Kunsill ikun jistgħa jibgħat ir-rikjesta tagħhom lill Transport Malta.

Il-Kunsill m'għandux jidħol fil-privat.

## 5 Komunikazzjoni tal-Kunsillieri – Is-Sur Chistopher Bruno, Viċi Sindku

5.1 Is-Sur Bruno staqsa jekk huwiex possibli jerġgħu jitpoġġew l-iskips in-naħa ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara li kienu talbuh xi nies li joqgħodu f'dawk l-inħawi stess.

Is-Seg. Eżek. spjegat illi kif ġie deċiż fis-Seduta ta' qabel l-iskips ġew imneħħija wara li inħarqet waħda minnhom kif ukoll għal fatt li kienu jintużaw għar-rimi ta' skart goff. Hija ukoll spjegat illi dawk l-inħawi jidħol ir 'runner' jiġbor il-boroż ta' l-iskart minn wara il-bieb ta' kull residnet bħal inħawi oħra fil-lokal stess.

Filwaqt li l-Kunsill kollu reġa qabel unanimament li l-iskips m'għandhomx jerġgħu jitpoġġew f'dan is-sit is-Sur Chris Bruno talab illi tintbgħat ittra lir-residenti ta' l-inħawi biex jiġu imfakkra bil-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart kif ukoll li ir-'runner' ser ikun qiegħed jiġbor l-iskart minn wara il-bibien kif diġa qiegħed isir.

5.2 Is-Sur Bruno staqsa meta ser ikunu qedin jinbidlu il-fanali ta' l-inħawi ta' l-ex Rnella Housing Estate kif diġa kien ġie diskuss aktar qabel fis sena 2015 u ġie maqbul mill-Kunsill stess, biex dawn iż-żewġ fanali jiġu pariġġ xulxin.

Is-Sindku spjegat illi dawn ser jiġu mibdulin kif il-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar flimkien ma' fanali oħra fil-lokal stess.

5.3 Is-Sur Bruno talab li tinbidel mera minħabba illi għanda bracket imkissra u bir-riħ iddur u ma tkun ta' l-ebda għajnuna għas-sewwieqa int u dieħel fit-Triq Melchior de Robles.

## 5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera

5.1b Is-Sinjura Sultana reġgħet saħqet illi tajjeb li kull attivita' li l-Kunsill ikun ser jorganizza tiġi mibgħu ta l-informazzjoni fuq l-attivita' kemm il-Knisja tal-Kapuċċini kif ukoll il-Parroċċa biex b'hekk tkun tista tiġi irreklamata ma l-avviżi tal-Ħadd waqt il-quddies, kif diġa kien ġie diskuss 'Seduti preċedenti

Is-Seg. Eżek. talbet lill-Kunsilliera biex kull darba li ikunu ser jorganizzaw xi attivita' li taqa taħt id-dekasteru tagħhom tajjeb illi jfakkruwha biex tagħmel din in-notifika .

5.2b Is-Sinjura Sultana informat il-Kunsill illi ser tkun qed torganizza sezzjoni ta' 'Story Telling' nhar is-Sibt 23 t'April 2016 mill-10:00am sal-11:00am fil-Librerija tal-Kalkara fl-okkażjoni ta' Jum il-Libreriji 2016. Il-Librerija ser tkun miftuħa il-ġurnata kollha mit 8:00am sas- 7:00pm.

5.3b Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi ser ikunu qed jiġu organizzati sezzjoni ta' reviżjoni għal-klassijiet u studenti tas-snin 1, 2 u 3 aktar tard fis-Sajf 2016.

Is-Sinjura Sultana talbet informazzjoni dwar l-uffiċini tal-I.T. Centre tal-Kunsill biex b'hekk tkun tista talloka ħinijiet u ġranet differenti u jekk ikun hemm xi korsijiet oħra għaddejjin ma jsirux fl-istess ħin magħhom.

5.4b Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi se tiġi organizzata Ħarġa ma' l-istudenti tal-5 sena ta' l-iskola Primarja tal-Kalkara għas-6 ta' Mejju 2016.

Din l-attivita' ġiet ikoordinata mill-Kunsill Lokali Kalkara u organizzatta mill-Fondazzjoni Valletta 18 fl-okkażjoni tal-'Green Fest' li ser ikun qed iseħħ fil- Belt Kapitali Valletta.

It-tfal ser ikunu qegħdin imorru il-Belt bil-baħar u jżuru postijiet interessanti fil-Belt Kapitali.

5.5b Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed tieħu ħsieb ix-xiri ta' kotba bħas soltu għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni 2016 tal-'Middle School Verdala Boys' li ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju.

**5c. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier**

5.1c IS-Sur Bongailas għarraf lill-Kunsill illi il-laqgħa informali li saret aktar kmieni dan ix-xahar mal-Każini tal-Baned tal-Kalkara marret tajjeb ħafna u intlaħaq ftehim biex b'hekk fis-sena 2017 iż-żewġ Baned jingħaqdu f'daqqa u jgħatu Kunċert speċjali għal-Jum il-Kalkara 2017

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 4.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għas-26 ta' Mejju 2016 fl-4:00 p.m.

**IFFIRMATA**

***Speranza Chircop***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Elaine Caruana***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26/05/2016

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara